# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2024**

**Numru 4**

**Rikors numru 155/2012/1 JRM**

**Godfrey Ciangura**

**v.**

**Ministeru Tal-Intern u Affarijiet Parlamentari u l-Kumitat Tas-Sigurtà Tal-Avjazzjoni**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-attur mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Mejju 2019 li biha laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti li l-kawża li fetaħ l-attur ma tiswiex għaliex saret bi ksur tal-art. 460 tal-Kap. 12.

2. Il-fatti tal-każ ġew spjegati mill-Ewwel Qorti:

*"Illi din hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilminta minn deċiżjoni li biha kienet miċħuda talba tiegħu biex jerġa' jingħata l-OMAS Pass li bis-saħħa tiegħu jkun jista' jidħol fi mkejjen tal-Ajruport li huma meqjusa bħala nħawi ta' sigurtà. Huwa jgħid li ċ-ċaħda ma kinitx mistħoqqa u, agħar minn hekk, kienet waħda diskriminatorja għaliex hu ma ngħatax trattament bħalma ngħataw xi wħud oħrajn li kienu jaħdmu miegħu u li lilhom kien raġa' ngħata l-Pass minkejja li kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra tagħhom ukoll. Huwa jgħid li, minħabba din iċ-ċaħda, ġarrab danni li jridu jagħmlu tajjeb għalihom l-imħarrkin;*

*Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni waqgħet billi tressqet wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi, sa dakinhar li l-attur fetaħ il-kawża, kien ilhom li għaddew is-sitt xhur minn mindu l-attur kien mgħarraf biċ-ċaħda li jinħariġlu mill-ġdid il-Pass li talab; li l-ebda wieħed minnhom ma kien il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-ebda wieħed minnhom ma huwa dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-ħruġ tal-imsemmi Pass; u wkoll li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex l-attur naqas li jħares dak li titlob il-liġi fl-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma interpella lil ħadd b'att ġudizzjarju qabel ma fetaħ il-kawża. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;*

*Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur kien għamel żmien jaħdem fit-taqsima tas-Sigurtà mal-kumpannija nazzjonali tal-ajru l-Air Malta. Billi kienu nbdew proċeduri kriminali kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, tneħħielu l-OMAS Pass li kien jagħtih aċċess għall-imkejjen riservati tal-ajruport;*

*Illi malli ntemmu l-proċeduri kontra l-attur, fi Frar tal-2009, il-Kumitat imħarrek intalab jikkunsidra talba mressqa mill-attur biex jerġa' jingħatalu lura l-Pass. Il-Kumitat bagħat jgħarraf lill-Air Malta li t-talba ma kinitx intlaqgħet. F'Mejju tal-2010, il-Kumitat reġa' stħarreġ it-talba u fit-28 ta' Settembru ħa d-deċiżjoni li lill-attur ma kellux jerġa' jinħariġlu l-Pass. B'ittra mibgħuta mill-Kumitat imħarrek fl-20 ta' Ottubru, 2010 lill-prinċipal tiegħu (l-Air Malta) t-talba biex l-attur jerġa' jinħariġlu l-Pass reġgħet ma ntlaqgħetx;*

*Illi fit-13 ta' Ottubru, 2010, hu qabbad avukat biex jikteb f'ismu ħalli jerġa' jinħareġ il-Pass. Il-Kumitat bagħat iwieġeb fid-29 ta' Ottubru, 201013, li kien qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni li kien ħa x-xahar ta' qabel dwar l-attur. L-attur kiteb ukoll permezz ta' avukati oħrajn u f'Diċembru tal-2010 l-attur ressaq ilment quddiem l-Ombudsman. Madankollu, fid-9 ta' Jannar 2012, l-Uffiċċju tal-Ombudsman bagħat jgħarraf lill-attur li ma setax jirrakkomanda l-ħruġ tal-Pass, ladarba laħqu daħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet ġodda fil-liġi li jirregolaw il-ħruġ ta' Pass;*

*Illi sadattant, l-attur reġa' kiteb bl-avukat lill-Kumitat imħarrek f'Diċembru tal-201117, biex jitolbu jerġa' jqis il-każ tiegħu. B'ittra tat-30 ta' Jannar, 201218, il-Kumitat imħarrek bagħat jgħarrraf lill-attur li ma kienx sejjer jilqa' t-talba tiegħu u seħaq li mexa miegħu b'mod korrett u bla ma iddiskrimina;*

*Illi fil-15 ta' Frar, 2012, l-attur fetaħ din il-kawża"*

3. Fil-kawża l-attur talab lill-Qorti sabiex:

*i) Tiddikjara illi r-rifjut tal-Kumitat konvenut li jerġa' jikkonċedi l-OMAS Pass lill-attur kien wieħed abbużi peress illi kien irraġonevoli u dan a tenur tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*ii) Tiddikjara illi a kawża tar-rifjut imsemmi fl-ewwel talba l-konvenuti jew min minnhom ikkawżaw danni lill-attur.*

*iii) Tillikwida d-danni kkawżati lill-attur.*

iv) *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati.*

4. Il-konvenuti wieġbu *inter alia* li l-attur ma sejjaħx lill-konvenuti permezz ta' ittra uffiċjali u għalhekk il-kawża ma setgħetx tinbeda kontrihom.

5. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti wara li qalet li l-attur ma interpellax lill-konvenuti kif irid l-art. 460(1) tal-Kap. 12 qabel fetaħ il-kawża kienu *inter alia*:

*"Illi jidher li l-attur jissottometti wkoll li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju hija għamla ta' azzjoni li għaliha jgħoddu l-eżenzjonijiet maħsuba fl-artikolu 460(2) tal-Kap 12, ladarba hija waħda li l-liġi tapplika proċedura partikolari u tiġi mħarsa minflokhom;*

*Illi l-imħarrkin iwarrbu dan l-argument u jisħqu li dak il-kliem jgħodd għal proċedimenti oħrajn imma mhux għal azzjoni taħt l-artikolu 469A;*

*Illi l-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni tal-attur. Il-fatt li l-artikolu 469A(3) jimponi żmien ta' dekadenza li fih trid titressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar azzjoni amministrattiva ma jfisser bl-ebda mod li b'daqshekk biss jitneħħa l-obbligu tal-parti attriċi li tinterpella lill-awtorità pubblika bil-mod maħsub fl-artikolu 460(1) qabel ma tiftaħ il-kawża. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur kien mgħarraf minnufih meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Kumitat imħarrek u għal darba darbtejn qabbad avukati biex jiktbulu biex iwarrab dik id-deċiżjoni u jerġa' jaħsibha. B'dawk l-ittri, madankollu, ma issodisfax il-ħtiġijiet mitluba fl-artikolu 460(1);*

*Illi l-Qorti żżid tosserva li l-każ li għandha quddiemha ma jaqa' taħt l-ebda wieħed mill-każijiet imsemmija fl-artikolu 460(2), u għaldaqstant tapplika r-regola stabbilita fl-ewwel subinċiż. Minbarra dan, tqis li din il-kawża hija waħda li, qabel il-bidu tagħha, titlob li jitħarsu l-proċeduri msemmija fl-artikolu 460(1). Għalhekk, ladarba dawn ma tħarsux, l-azzjoni tal-attur ma tiswiex u l-Qorti ssib li t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';*

*Illi ladarba l-Qorti waslet f'din il-fehma, ma għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ ukoll l-**ewwel eċċezzjoni preliminari**. Madankollu, jidhrilha li huwa xieraq tirrileva li d-deċiżjoni li ttieħdet dwar it-talba tal-attur biex jerġa' jingħata l-Pass, kienet ittieħdet f'Settembru tal-2010. Il-Kumitat imħarrek ma reġa' bidel qatt aktar il-fehma tiegħu u lanqas reġa' ħasibha. It-talbiet li saru f'isem l-attur kienu lkoll talbiet biex il-Kumitat jirrikonsidra;*

*Illi l-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorità li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti*
*tqis li d-deċiżjoni impunjata tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu (fis-sub-inċiż (2) tiegħu) jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali. Huwa biss jekk kemm-il darba r-rikonsiderazzjoni ta' deċiżjoni terġa' tiftaħ mill-ġdid il-proċess li jwassal għat-teħid ta' deċiżjoni oħra li jista' jingħad li d-deċiżjoni li mbagħad tittieħed tkun deċiżjoni ġdida li minnha wieħed jista' jgħid li beda jgħaddi ż-żmien mill-ġdid biex jiftaħ azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;*

*Illi, b'mod partikolari, il-fatt li l-Kumitat imħarrek baqa' jisħaq li kien sejjer joqgħod mad-deċiżjoni li kien ħa dwar l-attur f'Settembru tal-2010, jixhed*

*b'mod ċar li s-sitt xhur li trid il-liġi fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – li huwa żmien perentorju u mhux preskrittiv – kien laħaq għalaq sewwa sa meta l-attur qatagħha li jiftaħ din il-kawża".*

6. Fil-5 ta' Ġunju 2019 l-attur appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu li:

i. Dak li ntqal fl-aħħar żewġ paragrafi tal-konsiderazzjonijiet poġġew f'istwazzjoni anomala għaliex l-Ewwel Qorti ġiet li tat il-fehma tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni, filwaqt li ma inkluditx id-deċiżjoni fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Għalhekk ma jistax jappella minn dik il-parti tas-sentenza.

ii. L-awtoritá pubblika m'hemmx għalfejn tiġi interpellata permezz ta' ittra uffiċjali. Hekk per eżempju mandat ta' inibizzjoni ma kellux bżonn jiġi segwit b'ittra uffiċjali ai termini tal-art. 460 tal-Kap. 12. Il-provi juru li kien hemm korrispondenza dwar il-kwistjoni. Għalhekk il-vot tal-liġi kien sodisfatt. *Inoltre*, l-art. 460(1) ma japplikax għall-każ in eżami. Il-kawża li fetaħ l-attur hi taħt l-art. 469A tal-Kap. 12 li fih hemm terminu għal dekadenza. Kawża li *ai termini* tal-art. 460(2) tal-Kap. 12 taqa' taħt l-eċċezzjoni ta' "proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor".

7. Fit-28 ta' Ġunju 2019 wieġbu l-konvenuti u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

8. Imbagħad fil-25 ta' Ottubru 2023 l-attur talab lil din il-Qorti biex tordna referenza peress li qiegħed isostni li l-art. 460 tal-Kap. 12 jilledi l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni, peress li jmur kontra l-prinċipju ta' *equality of arms*. Il-konvenuti wieġbu li dak li talab l-attur diġá ġie mistħarreġ fl-appell **Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et** deċiż fl-20 ta' Lulju 2020 (tweġiba tal-31 ta' Ottubru 2023).

9. B'digriet mogħti fil-15 ta' Jannar 2024 din il-Qorti ċaħdet it-talba wara li kkunsidrat li mhijiex meħtieġa referenza kostituzzjonali peress li l-Qorti Kostituzzjonali diġà esprimiet ruħha fl-imsemmi każ u għalhekk m'hemmx kwistjoni ġdida x'tiġi determinata.

**Konsiderazzjoni.**

10. B'referenza għall-ewwel aggravju skont il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012, il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-Ewwel Qorti ddeċidiet biss dwar it-tielet eċċezzjoni. Hu fatt però li fil-konsiderazzjonijiet għalkemm il-Qorti qalet li ma kienx meħtieġ li tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni, għamlet osservazzjonijiet li fir-realtà jirreferu għal dik l-eċċezzjoni (ara fol. 7 u 8 tas-sentenza appellata). Fil-fatt ikkonkludiet li l-fatt li l-Kumitat kien baqa' jinsisti li kien sejjer joqgħod mad-deċiżjoni

oriġinali li ħa f'Settembru 2010, hu prova li s-sitt xhur li jissemmew f'art. 469A(3) tal-Kap. 12 kien leħaq skada meta fetaħ il-kawża.

11. Madankollu dak li l-Ewwel Qorti seta' qalet *obiter* ma jorbotx lill-partijiet. Ma ngħatatx deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, ċjoè li l-attur naqas milli jiftaħ il-kawża fi żmien sitt xhur minn meta ttieħdet id-deċiżjoni. Fil-fatt il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata taqra hekk:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:*
>
> ***Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari*** *tal-imħarrkin u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex saret bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*
>
> ***Tiċħad it-talbiet attriċi*** *bl-**ispejjeż** kontra l-attur".*

12. L-art. 219 tal-Kap.12 jagħmilha ċara li dikjarazzjoni li l-qorti trid li *"... tkun deċiżiva jew obbligatorja għandha tiġi mdaħħla fid-dispożittiv"*.

13. F'kull każ dak li ser jingħad hawn taħt sejjer iwassal sabiex is-sentenza appellata tiġi revokata.

14. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-ħtieġa ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju toħroġ mill-art. 460 tal-Kap. 12. Bejn il-partijiet m'hemmx kwistjoni dwar jekk il-konvenuti humiex wieħed mill-persuni li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni.

15. Qabel fetaħ il-kawża l-attur ma ppreżentax l-att ġudizzjarju li jissemma f'art. 460 tal-Kap. 12. Mill-provi jirriżulta li l-attur kien applika biex jingħata OMAS Pass għall-ġewwa l-ajruport ta' Malta fejn kien jaħdem bħala impjegat ta' Airmalta plc. Skont ix-xhud Mario Bugeja, segretarju tal-kumitat konvenut, l-applikazzjoni saret fl-20 ta' Frar 2009 (fol. 47). Talba li ġiet miċħuda. Imbagħad f'Mejju 2010 l-applikazzjoni reġgħet ġiet ikkunsidrata iżda d-deċiżjoni ma nbidlitx. Jirriżulta li qabel infetħet il-kawża ntbagħtu ittri legali għan-nom tal-attur. F'dan ir-rigward:

i. Ittra legali datata 13 ta' Ottubru 2020 fejn intalab li jinħareġ pass lill-attur. Kopja tal-ittra ntbagħtet ukoll lill-Ministru tal-Ġustizzja;

ii. Ittra legali bla data fejn sar ilment li l-attur kien għadu mingħajr OMAS Pass u għalhekk ma setax jirritorna għax-xogħol. Saret referenza għall-impjegati oħra li ngħataw il-pass minkejja li kellhom sentenzi li bihom instabu ħatja ta' reati. Fl-ittra jingħad li qiegħda ssir diskriminazzjoni mal-attur u li jippretendi d-danni għall-ħsara li kien qiegħed isofri minħabba li ma setax jirritorna għax-xogħol.

iii. Ittra legali tal-1 ta' Diċembru 2011 mibgħuta lis-Segretarju tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni sabiex jirrevedi d-deċiżjoni. Fl-ittra reġa' ssemma li kien hemm persuni oħra li ngħataw il-pass minkejja li kien hemm proċeduri fil-qorti kontrihom, u dan kien qiegħed iwassal għal diskriminazzjoni fil-konfront tal-attur.

16. Evidenti li dawk l-ittri legali ma kellhomx eżitu favorevoli għall-attur u baqa' mingħajr pass tant li fil-15 ta' Frar 2012 fetaħ din il-kawża.

17. B'referenza għall-art. 460 tal-Kap. 12, fis-sentenza Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et tal-20 tal-Lulju 2020, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-art. 460:

> *"22. Illi madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti il-legislatur naqas milli jikseb il-bilanc rikjest fejn si tratta tal-konsegwenzi ghan-nuqqas ta' aderenza mar-rekwiziti imposti f'dan l-artikolu. Ghalkemm huwa minnu illi l-formalitajiet imposti f'dan l-artikolu m'humiex partikolarment oneruzi, u lanqas ma huma l-unici kazijiet fejn il-ligi timponi dawn it-tip ta' formalitajiet qabel l-intavolar ta' kawza, il-konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-individwu illi josservahom, u cioe` l-nullita` tal-att, hija devastanti ghaliex, specjalment f'kazijiet ta' stharrig gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A, tista' twassal ghat-telfien permanenti tad-dritt ghal stharrig fil-mertu tal-ilment tac-cittadin. Il-Qorti taccetta illi l-ghan li ghalih huwa mahsub dan l-artikolu huwa wiehed necessarju u fl-interess pubbliku, pero` ssibha difficli tifhem kif sanzjoni tant severa u odjuza hija wkoll necessarja u fl-interess pubbliku, u filfatt l-ebda gustfikazzjoni ghaliha ma tressqet mill-appellanti.*
>
> ..........
>
> *24. Illi ghalkemm l-ghan illi l-Gvern jigi notifikat bl-allegati nuqqasijiet tieghu sabiex jinghata l-opportunita li jirrmedjahom huwa wiehed legittimu u permissibli, is-sanzjoni ta' nullita` imposta f'dan l-artikolu anke ghall-icken nuqqas fl-osservanza tar-regoli imposti, partikolament meta moqrija fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati li mhux biss hija inkonsistenti izda aghar minn hekk li frekwentement ixxaqleb lejn formalizmu eccessiv, twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni illi din is-sanzjoni tmur oltre mill-ghan illi dan l-artikolu huwa intiz li jservi u tiehu aktar is-sura ta' ostakolu ghall-otteniment ta' rimedju da parti tac-cittadin ghall-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-Istat. Il-konsegwenza ta' nullita` prevista mill-ligi, mehuda flimkien mal-formalizmu esagerat li bosta drabi jigi adoperat mill-qrati, iwassal ghar-riskju mhux biss ta' multiplicita tal-kawzi, li suppost qed jigu evitati permezz ta' dan l-artikolu, izda wkoll it-telfien permanenti ta' jedd sostantiv da parti tac-cittadin li kif jirrizulta mill-gurisprudenza citata aktar il-fuq huwa impermissibli ghaliex limitazzjonijiet ghad-dritt ta' access ghall-qorti ma jistghux ifixxklu l-essenza innifsha ta' dan id-dritt. Dan multo magis f'kawzi ta' stharrig*

*gudizzjarju fejn l-Artikolu 460 jista' jkollu konsegwenzi devastanti fuq ic-cittadin billi, in vista tat-terminu ta' dekadenza qasir ta' sitt xhur, iwassal ghal konsegwenza li l-kwistjoni fil-mertu ma tigi mistharrga qatt.*

*25. Illi in vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi hemm sproporzjon bejn il-konsegwenza tan-nuqqas ta' adezjoni mar-rekwiziti tal-Artikolu 460, u cioe` n-nullita` tal-att, u l-ghan legittimu illi dan l-artikolu huwa mahsub sabiex iservi. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Artikolu 460 jista' jwassal ghal lezjoni tad-dritt tal-appellat ghall-access ghal qorti ghandha tigi kkonfermata, ghalkemm dan limitatament ghar-ragunijiet spejgati f'din is-sentenza".*

18. F'dak il-każ kienu wkoll inbdew proċeduri għal stħarriġ ta' għemil amministrattiv taħt l-art. 469A tal-Kap. 12. F'sentenza oħra, **<u>Ayman Khalaf vs il-Prim Ministru ta' Malta et</u>** tas-26 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Appell għamlet referenza għas-sentenza fuq imsemmija u qalet:

*"L-iskop wara art. 460 hu li jagħti lill-Gvern l-opportunita li jkun jaf x'inhi l-pretensjoni tal-attur u sabiex ikun jista' jindirizza l-ilment tal-attur qabel issir il-kawza.*

*Dak l-iskop intlaħaq bir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u għalhekk il-Gvern m'għandux jingħata vantaġġ bla bżonn.*

*Dan hu provvediment li jagħti opportunita' lill-Gvern li jqajjem kwistjonijiet ta' proċedura li jwasslu għan-nullita ta' kawża, u għandu jiġi applikat u interpretat b'mod restrittiv. Speċjalment f'kawżi fejn il-Gvern jiġi mħarrek f'kawża dwar stħarriġ ta' għemil amministrattiv".*

19. Hemmhekk l-attur kien fetaħ il-kawża mingħajr ma ppreżenta ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju li tissemma fl-art. 460 tal-Kap. 12 u meta r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kien għadu pendenti.

20. Fil-każ tal-lum ma kien ġie preżentat l-ebda att ġudizzjarju kontra l-Gvern qabel l-attur fetaħ il-kawża. Madankollu jibqa' l-fatt li mill-ittri legali li ntbagħtu fl-interess tal-attur, hu ċar li ntalab li jingħata l-OMAS pass lill-attur sabiex ikun jista' jidħol lura għax-xogħol u ssemma wkoll li kien

qiegħed isofri diskriminazzjoni paragunat ma' kif l-awtoritajiet imxew ma' ħaddieħor. Fil-fatt ir-raba' premessa tar-rikors maħluf taqra:

> *"4. Illi l-attur isostnili kien hemm numru ta'nies li kellhom proċeduri il-Qorti fuq reati anke aktar serji li pero lkoll erġa' ngħatalhom dn il-pass u konsegwentement setgħu jerġgħu jibdew jaħdmu".*

21. B'hekk qabel l-attur fetaħ il-kawża, l-awtoritajiet altru milli kienu jafu x'inhi l-pretensjoni tiegħu u kellhom biżżejjed żmien sabiex jindirizzaw l-ilment tal-attur. L-awtorità rrifjutat il-ħruġ tal-permess. Ħadet deċiżjoni u saħansitra kkonfermata ftit żmien wara. Saħansitra kien sar ilment ukoll lill-Ombudsman li f'ittra datata 9 ta' Jannar 2012 għarraf lill-attur li kien hemm skambju estensiv ta' korrispondenza mal-Ministeru konċernat u mas-Segretarju Permanenti rigward l-ilment tiegħu u ta' nies oħra fil-pożizzjoni tiegħu. Fl-ittra ntqal ukoll li ma kienx possibbli li jirrakkomanda l-ħruġ tal-pass għall-attur ġialadarba kien hemm fis-seħħ l-Avviż Legali 488 tal-2011. Għalhekk minn din l-ittra ukoll hu evidenti li ferm qabel l-attur fetaħ il-kawża, il-Gvern kien jaf x'inhu l-ilment tal-attur iżda s-sitwazzjoni ma nbidlitx tant li l-attur baqa' mingħajr pass. Mir-raba' eċċezzjoni tat-tweġib maħlufa, hi wkoll ċara l-pożizzjoni tal-awtoritajiet li l-attur mhuwiex persuna idoneja li jkollha OMAS pass biex bih ikun jista' jidħol f'partijiet sensittivi tal-ajruport, u dan minħabba preċedenti penali u l-gravità tagħhom. B'hekk skont il-konvenuti mhuwiex persuna affidabbli.

22. Għalhekk fir-realtà, ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel l-attur fetaħ il-kawża, ma kienu ser jibdlu xejn. Apparti l-fatt li żgur li l-kawża li

fetaħ l-attur ma setgħetx tieħu lill-awtoritajiet b'sorpriża, u altru milli kellhom biżżejjed żmien biex jippreparaw ruħhom għall-pretensjoni tal-attur sa minn qabel fetaħ il-kawża.

23. Fiċ-ċirkostanzi, l-appell tal-attur ser jintlaqa' peress li l-applikazzjoni tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 iwassal għal dak l-isproporzjon li jissemma f'paragrafu 25 tas-sentenza **Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et.**

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar is-sentenza appellata u minflok tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti. Spejjeż taż-żewġ sentenzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna li l-atti jintbagħtu quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss